MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 1138/2011

Halida **KUDUZOVIC** u Lillian Falzon

vs

Il-Professur Juanito **CAMILLERI**, fil-kapaċita' tiegħu ta' Rettur ta' l-Universita' ta' Malta u għalhekk in rappreżentanza tal-istess Universita' ta' Malta, u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-18 ta’ Novembru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbu li din il-Qorti (a) issib li r-rifjut magħmul b’ittra tal-21 ta’ Ottubru, 2011, min-naħa tal-Universita’ ta’ Malta li jżommhom milli jidħlu u jkomplu t-tielet sena ta’ studju tal-kors li jwassal għal Dottorat fil-Mediċina huma egħmil lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi (“*ultra vires*”) bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jew liema minn dawk id-dispożizzjonijiet; (b) tordna li huma jiddaħħlu minnufih fit-tielet sena tal-imsemmi kors universitarju; u (ċ) torbot lill-Universita’ ta’ Malta tħallashom ammont ta’ flus bħala danni msejsa fuq ir-responsabbilta’ tal-awtorita’ pubblika li hi u dan għall-finijiet tal-artikolu 469A(5) tal-istess Kodiċi. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta’ Novembru, 2011[1], li bih laqgħet it-talba tal-atturi biex is-smigħ tal-kawża jitħaffef bit-taqsir taż-żminijiet għat-tressiq tal-atti miktuba;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Professur Juanito Camilleri *nomine* fid-29 ta’ Novembru, 2011, li biha laqa’ għall-azzjoni tal-attriċi billi, b’mod preliminari, qal li jonqos fil-Qorti s-setgħa li tqis it-tieni talba attriċi, għaliex is-setgħa li persuna tiddaħħal f’kors universitarju hija mħollija, bis-saħħa tal-artikolu 79 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta’ Malta, fis-Senat tal-Universita’ mħarrka u mhux mogħtija lil xiħadd ieħor; u, li l-azzjoni attriċi mhijiex tajba għaliex it-talbiet ma jintrabtux mal-premessi u ma tfisser bl-ebda mod għaliex jew kif seħħ xi ksur tas-setgħat amministrativi min-naħa tal-Universita’. Fil-mertu, laqa’ billi qal li l-kwalifiki li jħaddnu l-atturi ngħataw minn istituzzjonijiet barranin li ma humiex magħrufa mill-Universita’ ta’ Malta. Żied jgħid li ċ-ċertifikati tal-kwalifiki li l-atturi jgħidu li għandhom huma biss ċertifikati ta’ attendenza u mhux ċertifikati ta’ riżultati ta’ eżamijiet u f’kull każ, l-għoti ta’ diploma ma tissarrafx fi kwalifika ta’ għarfien. Qal ukoll li d-

[1] Paġ. 8 tal-Atti tar-Rik. Nru. 1138/11/2JRM

dispożizzjoni tar-regolament li jsemmu l-atturi ma tgħoddx għall-każ tagħhom għaliex, dwar il-Kors tal-Mediċina, jgħoddu Regolamenti[2] maħruġin apposta għal dak il-kors u li jgawdu l-ħarsien tar-regolament 4(2) tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximent Universitarji. Kompla jgħid li kieku wkoll kellhom jgħoddu għall-każ ir-Regolamenti msemmija mill-atturi, dawn xorta waħda jħalluha fid-diskrezzjoni tal-Universita' jekk kellhiex taċċetta krediti bħal dawn. Minbarra dan kollu, hija prassi u konswetudini li biex l-Universita' tqis jekk għandhiex tilqa' xi student għal kors ta' studju, li dan isir fuq is-saħħa ta' *transcript* b'riżultati ta' studju f'kurrikulu li jitqabbel mal-kurrikulu tal-ewwel sentejn studju tal-Kors tal-Mediċina. Temm jgħid li ladarba l-professjoni medika hija waħda ta' natura pubblika, l-Universita' hija marbuta li tara li kull min jidħol għall-kors ikun mogħni bi kwalifiki xierqa u jkun ta' ħila u thejjija tajba biżżejjed biex jidħol f'kors bħal dak;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imħarrek Avukat Ġenerali fid-29 ta' Novembru, 2011[3], li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li l-atturi jridu juru li l-Universita' tabilħaqq wettqet xi egħmil li jaqa' taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12. Żied jgħid li t-tieni talba attriċi ma tistax tintlaqa' għaliex l-ebda qorti ma għandha s-setgħa li twettaq hi dak li l-liġi tagħti li jitwettaq minn xi fergħa eżekuttiva tal-pajjiż jew lil xi awtorita' pubblika;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik imressqa bil-mezz tal-affidavit;

Semgħet ix-xhieda mogħtija fil-kontro-eżamijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fit-13 ta' Marzu, 2012[4];

[2] Ir-riferenza hija għall-Avviż Legali 137/98 (kif drabi mibdul) (L.S. 327.135) ara Dok "UOM3", f'paġġ. 48 sa 55 tal-proċess
[3] L-għada, 30 ta' Novembru, 2011, l-imħarrek Avukat Ġenerali reġa' ressaq Tweġiba Maħlufa oħra, u din id-darba żied jgħid li ma kienx il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi (u ma' dik l-eċċezzjoni reġa' tenna kelma b'kelma l-eċċezzjonijiert fil-mertu)
[4] Paġġ. 346 sa 359 tal-proċess

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rettur imħarrek fit-2 ta' April, 2012[5], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Avukat Ġenerali fit-18 ta' April, 2012[6], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-21 ta' Ġunju, 2012;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi jilmintaw li, wara li applikaw biex jidħlu għal kors fl-Universita' ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "UOM"), din għarrfithom li ma setgħetx tirreġistrahom f'dak il-kors għaliex ma kellhomx il-kwalifiki magħrufa biex jistgħu jagħmlu dan. Huma jgħidu li b'dan l-egħmil, UOM mxiet ħażin magħhom u lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi billi jew naqset milli tħares xi waħda mill-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dak l-egħmil (art 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12) jew billi mxiet b'abbuż tas-setgħa għal għanijiet mhux xierqa jew konsiderazzjonijiet mhux rilevanti (art. 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12). Iridu li l-Qorti tordna lil UOM biex iddaħħalhom bla dewmien fil-kors imsemmi, u

[5] Paġġ. 361 sa 372 tal-proċess
[6] Paġġ. 375 – 8 tal-proċess

wkoll li tikkundanna lil UOM tħallashom id-danni għall-finijiet tal-artikolu 469A(5) tal-Kap 12;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek Rettur tal-Universita' (aktar 'il quddiem imsejjaħ "ir-rettur") laqa' billi, b'mod preliminari, qal li (a) jonqos fil-Qorti s-setgħa li tqis it-tieni talba attriċi, għaliex is-setgħa li persuna tiddaħħal f'kors universitarju hija mħollija, bis-saħħa tal-artikolu 79 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-Senat tal-Universita' mħarrka u mhux mogħtija lil xiħadd ieħor; u (b) li l-azzjoni attriċi mhijiex tajba għaliex it-talbiet ma jintrabtux mal-premessi u ma tfisser bl-ebda mod għaliex jew kif seħħ xi ksur tas-setgħat amministrativi min-naħa tal-Universita'. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-kwalifiki li jħaddnu l-attriċi ngħataw minn istituzzjonijiet barranin li ma humiex magħrufa mill-Universita' ta' Malta. Żied jgħid li ċ-ċertifikati tal-kwalifiki li l-attriċi jgħidu li għandhom huma biss ċertifikati ta' attendenza u mhux ċertifikati ta' riżultati ta' eżamijiet u f'kull każ, l-għoti ta' diploma ma tissarrafx fi kwalifika ta' għarfien. Qal ukoll li d-dispożizzjoni tar-regolament li jsemmu l-attriċi ma tgħoddx għall-każ tagħhom għaliex, dwar il-Kors tal-Mediċina, jgħoddu Regolamenti[7] maħruġin apposta għal dak il-kors u li jgawdu l-ħarsien tar-regolament 4(2) tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximent Universitarji. Kompla jgħid li kieku wkoll kellhom jgħoddu għall-każ ir-Regolamenti msemmija mill-attriċi, dawn xorta waħda jħalluha fid-diskrezzjoni tal-Universita' jekk kellhiex taċċetta krediti bħal dawn. Minbarra dan kollu, hija prassi u konswetudini li biex l-Universita' tqis jekk għandhiex tilqa' xi student għal kors ta' studju, li dan isir fuq is-saħħa ta' *transcript* b'riżultati ta' studju f'kurrikulu li jitqabbel mal-kurrikulu tal-ewwel sentejn studju tal-Kors tal-Mediċina. Temm jgħid li ladarba l-professjoni medika hija waħda ta' natura pubblika, l-Universita' hija marbuta li tara li kull min jidħol għall-kors ikun mogħni bi kwalifiki xierqa u jkun ta' ħila u thejjija tajba biżżejjed biex jidħol f'kors bħal dak;

Illi l-imħarrek Avukat Ġenerali laqa' billi, b'mod preliminari, qali li ma messux tħarrek hu, ladarba l-egħmil li minnu jilmintaw l-attriċi twettqu biss mill-UOM u hu ma għandu x'jaqsam xejn ma' dik l-istituzzjoni li hija

[7] Ir-riferenza hija għall-Avviż Legali 137/98 (kif drabi mibdul) (L.S. 327.135) ara Dok "UOM3", f'paġġ. 48 sa 55 tal-proċess

rappreżentata skond il-liġi mir-rettur tagħha. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-attriċi jridu juru li UOM tabilħaqq wettqet xi egħmil li jaqa' taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12. Żied jgħid li t-tieni talba attriċi ma tistax tintlaqa' għaliex l-ebda qorti ma għandha s-setgħa li twettaq hi dak li l-liġi tagħti li jitwettaq minn xi fergħa eżekuttiva tal-pajjiż;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti jirriżulta li f'laqgħa miżmuma mill-Bord tal-Fakulta' tal-Mediċina u Kirurġija tal-UOM fit-22 ta' Marzu, 2011[8], tfasslu kriterji biex jitqiesu l-kwalifiki miksuba barra minn Malta minn studenti li kienu fi ħsiebhom jidħlu għall-kors tad-Dottorat fil-Mediċina fl-2011. Fost dawn il-kriterji kien hemm dawk dwar studenti li jitolbu li jidħlu fit-tielet sena tal-imsemmi kors. Minn dawn il-kriterji, ħareġ li, minbarra li kellhom juru li kellhom kwalifiki minn universita' magħrufa mill-UOM, studenti li jagħmlu talba bħal din kienu jridu joqogħdu għal eżamijiet f'erba' (4) suġġetti partikolari fis-sessjoni ta' Settembru ta' qabel ma tibda s-sena akkademika. Dawn huma l-istess suġġetti li studenti li jkunu qegħdin fit-tieni sena tal-istess kors ikollhom jgħaddu minnhom biex jitilgħu fit-tielet sena[9];

Illi dawn il-kriterji kienu ikkonfermati f'laqgħa li nżammet fil-bidu ta' Mejju tal-2011 mill-*Admissions Board*[10]. Approvazzjoni bħal din hija meħtieġa skond l-istatuti tal-UOM[11];

Illi l-attriċi Kuduzovic twieldet barra minn Malta, iżda llum hija ċittadina ta' Malta u tgħix f'Malta. Hija kienet bdiet kors ta' studju fi skola medika fir-Renju Unit fl-1993. Meta temmet b'suċċess dawn l-ewwel tliet snin, ħasbet li tmur fl-Istati Uniti tal-Amerika biex tissokta l-istudji tagħha hemm, iżda minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi finanzjarji u tal-familja, dan ma seħħx u reġgħet marret lura r-Renju Unit. Hemmhekk reġgħet bdiet

[8] Dok "AVA", f'paġġ. 248 – 9 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Veronica Grech 15.12.2011, f'paġ. 256 tal-proċess
[10] Dok "AVB", f'paġ. 250 tal-proċess
[11] Xhieda tal-Prof. Alfred Vella 15.12.2011, f'paġ. 262 tal-proċess

studji f'livell ta' "*undergraduate*" ma' istituzzjonijiet edukattivi f'dak il-pajjż u temmithom ukoll[12];

Illi f'Diċembru tal-2010[13], hija talbet kjarifika mingħand ir-reġistratur tal-UOM dwar l-aċċettazzjoni min-naħa tal-UOM tal-krediti tal-istudji li kienet qiegħda ssegwi. Ir-Reġistratur weġbitha fis-27 ta' Jannar, 2011, u wriet it-tħassib tagħha dwar jekk l-għamla ta' studji li kienet qiegħda ssegwi kinux iwassluha biex issir tabiba;

Illi fl-20 ta' Lulju, 2011[14], wara li kienet talbet aktar tagħrif mir-reġistratur tal-UOM, ressqet talba (b'mezz elettroniku *on-line*) biex titħalla tissieħeb fil-kors tad-Dottorat fil-Mediċina mit-tielet sena tal-istudji kliniċi, fuq is-saħħa tal-fatt li l-kwalifiki li kellha bl-istudji li kienet diġa' għamlet kienu jservu għas-sentejn ta' studji pre-kliniċi fl-istess kors. Mat-tressiq tat-talba hija ħallset it-tariffa preskritta[15] u rċeviet konferma tat-talba tagħha ftit jiem wara[16];

Illi l-attriċi l-oħra Lillian Falzon hija Maltija wkoll u tgħix f'Malta. Hija bdiet taħdem bħala *nurse* fl-Isptar San Luqa sa minn April tal-1981 wara li kisbet *Nursing Diploma* mill-iskola tan-*nurses* fi ħdan l-Isptar San Luqa. Hija emigrat lejn l-Istati Uniti tal-Amerika f'April tal-1989. Hija għamlet madwar sitt snin taħdem hekk fi sptarijiet fi New York, fl-Istati Uniti tal-Amerika sa Ġunju tal-2005[17]. Wara ħadmet ukoll f'istituzzjoni oħra bħala *clinical nurse specialist.* Matul is-snin li damet fl-Istati Uniti, hija ssoktat bi studji tagħha u kisbet baċellerat fil-bijoloġija (Mejju tal-1998);

Illi wara li l-attriċi Falzon reġgħet ġiet lura Malta fl-2008, daħlet fil-kors li jwassal għal Dottorat fil-Mediċina fl-UOM f'Ottubru ta' dik l-istess sena. Billi dik is-sena ma kenitx għaddiet, reġgħet bdiet il-kors fl-2009, iżda

---

12 Ara d-Dok f'paġġ. 213 – 7 tal-proċess
13 Dok "OB", f'paġ. 218 tal-proċess
14 Affidavit tagħha f'paġ. 225 tal-proċess
15 Dok f'paġġ. 209 – 210 tal-proċess
16 Dok f'paġġ. 211 – 2 tal-proċess
17 Affidavit tagħha f'paġġ. 237 – 8 tal-proċess

minħabba ċirkostanzi familjari li ġraw qrib ħafna d-dati tal-eżamijiet reġgħet ma għaddietx u kellha tħalli l-kors minn tal-anqas għal żmien ta' sena. Hija kompliet tagħmel studji oħrajn bejn l-2010 u l-2011 ma' istituzzjonijiet barranin[18];

Illi l-attriċi Falzon applikat biex terġa' tidħol fil-kors tal-mediċina fit-22 ta' Lulju, 2011. Fuq is-saħħa tal-kwalifiki li kienet kisbet sadattant, hija talbet li titħalla tingħaqad fil-kors mit-tielet sena tiegħu b'seħħ minn Ottubru ta' dik l-istess sena;

Illi fit-30 ta' Settembru, 2011, reġa' tlaqqa' l-*Admissions Board* u qies it-talba tal-attriċi separatament[19]. Mill-każ tal-attriċi Kuduzovic ħareġ li (i) il-kulleġġ li hija kienet ġabet id-diploma fl-Anatomija, Fiżjoloġija u Studji Kliniċi ma kienx kulleġġ akkreditat, li (ii) ċertifikat ieħor li ressqet minn istituzzjoni oħra (għalkemm din l-istituzzjoni kienet magħrufa minn OFQUAL) kien jgħid biss li hija attendiet għall-kors u mhux ukoll li għaddiet; u (iii) li wkoll kieku kellu jitqies li l-kwalifiki li wriet kienu tajbin, xorta waħda ma kenitx tista' tidħol fit-tielet sena tal-kors tal-Mediċina għaliex ma kenitx segwiet programm pre-kliniku f'livell ta' "*undergraduate*" f'kors mediku ta' universita' magħrufa ("*recognized*"). Ħareġ ukoll li, fil-każ tal-imsemmija attriċi, kien ilha għaddejja korrispondenza mar-Reġistratur sa minn Settembru tal-2010[20]. Fil-każ tal-attriċi Falzon, ħareġ li (i) wieħed mill-kulleġġi li semmiet li kisbet kwalifiki mingħandu ma kienx kulleġġ akkreditat; li (ii) ċertifikat ieħor li ressqet minn istituzzjoni oħra (għalkemm din l-istituzzjoni kienet magħrufa minn OFQUAL) kien jgħid biss li hija attendiet għall-kors u mhux ukoll li għaddiet; u (iii) li wkoll kieku kellu jitqies li l-kwalifiki li wriet kienu tajbin, xorta waħda ma kenitx tista' tidħol fit-tielet sena tal-kors tal-Mediċina għaliex ma kenitx segwiet programm pre-kliniku f'livell ta' "*undergraduate*" f'kors mediku ta' unuiversita' magħrufa ("*recognized*"). Madankollu, minħabba li hija kienet diġa' wriet li kellha l-kwalifiki biex tibda l-Kors tal-mediċina, il-Bord qatagħha li joffrilha li, jekk trid, tista' terġa' tirreġistra bħala studenta tal-kors mill-ewwel sena tiegħu;

[18] Ara d-Dok f'paġġ. 233 – 5 tal-proċess
[19] Dok "AVC", f'paġġ. 251 – 4 tal-proċess
[20] Dok "BBA", f'paġġ. 275 – 6 tal-proċess

Illi l-Bord wasal għal dawn id-deċiżjonijiet fuq ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-*Admission Committee* fi ħdan il-Fakulta tal-Mediċina u l-Kirurġija[21];

Illi fil-21 ta' Ottubru, 2011[22], UOM bagħtet ittra lil kull waħda mill-attriċi biex tgħidilhom li t-talba tagħhom ma kenitx intlaqgħet. Iżda fil-każ tal-attriċi Falzon, skond id-deċiżjoni meħuda mill-Bord, UOM offritilha li tikkunsidra jekk riditx taċċetta li terġa' tidħol għall-kors ta' Dottorat fil-Mediċina mill-ewwel sena tiegħu;

Illi b'ittra uffiċjali tal-24 ta' Ottubru, 2011[23], l-attriċi talbu lil UOM biex tilqagħhom minnufih bħala studenti fl-imsemmi kors mit-tielet sena tiegħu, wara li fl-istess ittra fissru l-kwalifiki li bihom jgħidu li kellhom "krediti" biżżejjed biex jistgħu jagħmlu t-talba tagħhom;

Illi billi UOM baqgħet ma laqgħetx it-talba tagħhom, l-attriċi fetħu l-kawża fit-18 ta' Novembru, 2011;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbuta mal-każ, l-Qorti tara li l-attriċi jibnu l-każ tagħhom fuq żewġ kawżali ta' mġiba amministrativa li hija *ultra vires*. Huma jisħqu li UOM mxiet ħażin magħhom u lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi billi jew naqset milli tħares xi waħda mill-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dak l-egħmil[24], u/jew billi mxiet b'abbuż tas-setgħa għal għanijiet mhux xierqa jew konsiderazzjonijiet mhux rilevanti[25]. Huma jgħidu li dawn il-kawżali, jew liema waħda minnhom, joħorġu mit-tweġiba "stereotipata" li ntbagħtet lil kull waħda minnhom f'ittra li ġġib l-istess data tal-21 ta' Ottubru, 2011, u

[21] Xhieda tal-Prof. Alfred Vella u Benny Borġ Bonello 15.12.2011, f'paġġ. 263 u 270 tal-proċess
[22] Dokti "UOM4" u "UOM5", f'paġġ. 56 – 9 tal-proċess
[23] Dok "A", f'paġġ. 4 – 5 tal-proċess
[24] Art 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12.
[25] Art 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12

dan wara li s-sena akkademika li huma talbu li jitħallew jidħlu fiha kienet ġa' tnediet u wara li kien għalaq iż-żmien tas-sessjoni tal-eżamijiet ta' Settembru li huma tabilfors kienu riedu jagħmlu jekk kemm-il darba kellhom jingħaqdu mal-imsemmi kors;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ dan l-ilment tal-attriċi fil-mertu, jidhrilha xieraq li tqis **l-eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari** mqajma miż-żewġ imħarrkin. Ir-Rettur imħarrek qanqal żewġ eċċezzjonijiet preliminari – l-ewwel waħda titkellem dwar in-nuqqas ta' setgħa li din il-Qorti tilqa' t-tieni talba attriċi, u t-tieni waħda titkellem dwar in-nuqqas tal-att ġudizzjarju promotur li jonqos li jorbot l-ewwel talba mal-premessi li mkien ma juru kif egħmil l-UOM kien *ultra vires*. L-imħarrek Avukat Ġenerali wkoll qajjem żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari – l-ewwel waħda hi li hu ma messux tħarrek f'din il-kawża għaliex ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi, billi la kellu xi sehem f'xi ħaġa li dwarha jilmintaw l-attriċi u lanqas huwa l-awtorita' li l-Qorti tista' tordnalha biex tagħtihom rimedju; it-tieni waħda tixbah l-ewwel eċċezzjoni tar-rettur imħarrek u tirrigwarda s-siwi tat-tieni talba attriċi;

Illi l-Qorti tosserva li l-attriċi ma jagħmlu l-ebda riferenza għall-imsemmija eċċezzjonijiet fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom;

Illi dwar <u>l-ewwel eċċezzjoni preliminari tar-Rettur u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali</u>, l-Qorti tgħid li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju huwa stabilit li l-Qorti twettaq funzjonijiet limitati maħsuba biex tara li l-egħmil amministrattiv ikun twettaq skond il-liġi, b'użu xieraq tas-setgħat mogħtijin mil-liġi lill-awtorita' li tkun, u b'mod li ma jkunx hemm u la ksur tal-jeddijiet imħarsin mill-ġustizzja naturali u lanqas twettiq abbużiv tal-istess setgħat. Bħala tali, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-Qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-egħmil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-Qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid

jew it-twettiq tal-egħmil amministrattiv, liema egħmil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorita' pubblika li tkun;

Illi dan ir-rwol tal-Qorti ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-egħmil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ egħmil amministrativ għandha tqis is-siwi ta' egħmil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-egħmil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorita' kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorita' li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-egħmil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti terġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorita' għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[26]. Jista' jkun li l-każ partikolari jitlob li l-Qorti tindika lill-awtorita' pubblika li tkun li, meta tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet tagħha jkunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-egħmil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ;

Illi fil-każ tat-tieni talba, kif ingħad, l-attriċi qegħdin jitolbu li l-Qorti tordna lir-Rettur imħarrek li jdaħħalhom minnufih fil-kors universitarju li għalih applikaw. Dan ifisser biss li l-Qorti qiegħda tintalab tistħarreġ hi daqslikieku kienet l-*admissions board* u tifli l-kwalifiki tagħhom bit-tqabbil u l-kalibrar tal-istess kwalifiki. Il-Qorti tiddikjara minnufih li, safejn it-tieni talba attriċi titlob dan minnha, ma jidhirx li tista' tagħmel hekk, minħabba li dik il-kompetenza hija mil-liġi mogħtija biss lil UOM u t-tfassil u l-qies tal-kriterji tad-dħul fl-Universita' ma humiex ħobż għal snien il-Qorti u wkoll għaliex jekk il-Qorti kellha tagħmel ħaġa bħal din tkun qiegħda taqbeż is-setgħat tagħha f'azzjoni bħal din ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi għalhekk il-Qorti qiegħda ssib li din l-eċċezzjoni hija tajba. Kif inhi mfassla t-tieni talba attriċi, qiegħed jintalab rimedju li din il-Qorti f'kawża bħalma għandha quddiemha ma tistax tagħti. Hija talba li tittanta tissostitwixxi kompetenza li l-liġi tagħti biss lill-UOM jew l-organi xierqa

[26] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et***

tagħha u li tista' titwettaq biss minnhom. Iżda l-fatt li l-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li din l-eċċezzjoni hija tajba ma jfissirx li l-azzjoni attriċi kollha għandha titwarrab. Dejjem hemm l-ewwel talba, u talba bħal dik issib postha f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju u dejjem trid titqies l-ewwel qabel ma jitqies ir-rimedju konsegwenzjali tat-tħassir tad-deċiżjoni li tikkostitwixxi l-egħmil amministrattiv attakkat;

Illi għalhekk, filwaqt li din l-eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed miż-żewġ imħarrkin sejra tintlaqa', l-Qorti sejra toqgħod attenta għall-għamla ta' rimedju li tista' tagħti b'konsegwenza tal-ewwel talba jekk u meta ssib li dik l-ewwel talba hija mistħoqqa;

Illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Avukat Ġenerali "żdiedet" meta tressqet it-tieni Tweġiba Maħlufa (fit-30 ta' Novembru, 2011) l-għada li tressqet l-ewwel waħda (fid-29 ta' Novembru, 2011). Ladarba t-tieni Tweġiba tressqet fiż-żmien tal-għoxrin jum minn dak inhar li l-imħarrek Avukat Ġenerali kien laqa' n-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf, il-Qorti għandha tqisha u ma tarax li għandha tordna t-tneħħija tagħha mill-atti tal-kawża, iżda għandha tqisha flimkien mal-ewwel Tweġiba mressqa u safejn dawn joqogħdu flimkien;

Illi bl-imsemmija eċċezzjoni, l-Avukat Ġenerali jgħid li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Huwa jidher li jsejjes din l-eċċezzjoni fuq il-kwestjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fil-pretensjonijiet attriċi fil-konfront tiegħu. Huwa jirrileva li fl-ebda parti tar-Rikors Maħluf ma jiddaħħal fil-ġrajja li minnhom jilmintaw l-attriċi u lanqas intwera waqt is-smigħ tal-kawża fejn kien is-sehem tiegħu jew x'sura ta' rimedju jista' jintalab jagħti f'każ li l-attriċi jingħataw raġun. Huwa jsemmi wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħala raġuni oħra għaliex il-ġudizzju huwa sħiħ bl-imħarrek l-ieħor waħdu;

Illi l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija tajba. L-UOM hija tabilħaqq awtorita' pubblika għall-finijiet tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-Artikolu 469A tal-Kap 12 u li l-egħmil li minnu jilmintaw l-attriċi huwa wieħed amministrattiv għall-finijiet tal-istess artikolu[27]. Skond il-liġi li trieġi lill-UOM[28], ir-Rettur imħarrek jirrappreżenta lill-istess universita'. Mela, ladarba dan huwa l-każ, l-Avukat Ġenerali ma għandu jiddaħħal xejn f'każ bħal dan biex jintegra l-ġudizzju. U ladarba wkoll l-UOM mhijiex Dipartiment tal-Gvern, lanqas jidher li jeħtieġ li ssir in-notifika tal-atti lill-Avukat Ġenerali kif jitlob l-artikolu 181B(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tilqa' din l-eċċezzjoni u sejra teħles lill-imħarrek Avukat Ġenerali milli jibqa' fil-kawża;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tistħarreġ **l-ilment tal-attriċi fil-mertu** fid-dawl tal-**eċċezzjonijiet fil-mertu tar-Rettur imħarrek** għal dawk l-ilmenti. Ladarba l-attriċi jixlu lil UOM b'imġiba lil hinn mil-liġi, taqa' fuqhom il-ħtieġa li jippruvaw dak li jallegaw. Naturalment, dan meħtieġ li jsir fil-grad mistenni f'kawża ta' xejra ċivili bħalma hija kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi biex il-Qorti tqis is-siwi tal-imsemmija lmenti jeħtieġ li tara (i) min ħa d-deċiżjoni biex ma jilqax it-talba tal-attriċi biex jitħallew jidħlu għall-kors universitarju; (ii) liema kienu l-kriterji li ntużaw biex ittieħdet id-deċiżjoni; (iii) taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi kien regolat min ħa d-deċiżjoni u l-kriterji li ntużaw; u (iv) jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ ta' kull waħda mill-attriċi, min ħa d-deċiżjoni qabiżx is-setgħat tiegħu jew wettaqx użu mhux raġonevoli tad-diskrezzjoni mħollija f'idejh;

Illi, kemm waqt it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom u kif ukoll mis-sottomissjonijiet tal-aħħar tal-kawża, joħroġ ċar li l-attriċi jorbtu kollox mal-kontenut tal-ittra mibgħuta lil kull waħda minnhom minn UOM

[27] Ara App. Ċiv. **29.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Emmanuel Borda vs Prof Roger Ellul-Micallef pro et noe*** u s-sentenzi hemm imsemmija
[28] Ara art. 74(11) tal-Kap 327

f'Ottubru tal-2011. Minn dik l-ittra jisiltu erba' (4) raġunijiet li UOM tagħtihom biex tgħarrafhom għaliex it-talba tagħhom ma ntlaqgħetx. Ir-raġunijiet issemmew aktar qabel f'din is-sentenza u jinsabu elenkati fl-ittra tal-21 ta' Ottubru, 2011 li ntbagħtet lil kull waħda mill-attriċi u li, tista' tgħid, tuża l-istess raġunijiet. L-attriċi jgħidu wkoll li ma ngħataw qatt l-opportunita' li jersqu għas-sessjoni tal-eżamijiet ta' Settembru ta' qabel ma fetaħ il-kors u dan minkejja li huma kienu lesti li joqogħdu għal din il-prova. B'hekk, iċċaħħdu bla mistħoqq milli setgħu jidħlu għall-kors. Waqt li kien qiegħed jagħmel is-sottomissjonijiet tal-għeluq bil-fomm, l-għaref difensur tal-attriċi ġabar ix-xilja ewlenija tagħhom li l-UOM imxiet magħhom *ultra vires* b'dan il-mod: (a) li ma kenitx segwita l-proċedura u lanqas intwera x'kienet sewwasew il-proċedura li kellha tittieħed fil-każ tal-attriċi; (b) li min ħa d-deċiżjoni lanqas mexa mal-linji-gwida mfassla; u (ċ) li lanqas huwa ċar min u meta fil-fatt ħa d-deċiżjoni li biha t-talba tal-attriċi ma ntlaqgħetx;

Illi premessa oħra ewlenija tal-każ tal-attriċi hija li kull waħda minnhom tisħaq li, fil-waqt li ressqu t-talba tagħhom biex jitħallew jingħaqdu mat-tielet sena tal-kors tal-Mediċina, kellha biżżejjed krediti ta' studju (ECTS) biex setgħet tkun kunsidrata ħalli tkompli l-istudji tagħha f'dak il-kors;

Illi dan li ngħad hawnhekk jagħti l-parametri li fuqhom il-Qorti sejra tagħmel l-istħarriġ tagħha f'din il-kawża u dan ser tagħmlu fid-dawl tal-provi u l-atti l-oħrajn imressqa quddiemha;

Illi l-Qorti tqis li, ladarba l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq l-egħmil imwettaq *ultra vires*, huwa meħtieġ qabel kollox li wieħed jara liema hija l-liġi li tistabilixxi dak il-"*vires*". Wara li wieħed jistabilixxi liema hija l-liġi, jkun jista' jara jekk dak li sar seħħx tassew fil-parametri tal-liġi jew inkella jekk inqabżux il-limiti tagħha. L-attriċi jgħidu li huma għandhom biżżejjed krediti skond kif stabilit bir-regolament 39 tal-Avviż Legali 181 tal-2011. Min-naħa tiegħu, ir-Rettur imħarrek jgħid li l-imsemmi Avviż Legali ma jeżistix waħdu, u li, f'kull każ, il-Kors tal-Mediċina huwa kors li d-dħul għalih huwa regolat minn Avviż Legali ieħor li jgħodd apposta għalih;

Illi l-Qorti tqis li huwa tabilħaqq meħtieġ li wieħed jagħraf liema hija l-liġi li tirregola d-dħul u l-mixi 'l quddiem ta' persuna f'kors ta' studju universitarju partikolari fiż-żmien li tkun għamlet it-talba biex tidħol għalih. Fuq kollox, kull kunsiderazzjoni trid issir fuq kif kienet il-liġi fiż-żmien li tkun saret it-talba biex persuna titħalla tidħol jew tkompli ssegwi kors ta' studju. Minbarra dan, kull konsiderazzjoni li tkun saret 'il barra minn xi liġi bħal dik titqies li hija "*ultra vires*"[29], u għalhekk tista' titwaqqa'. B'"liġi", wieħed jifhem kemm il-liġi ewlenija u kif ukoll il-liġi sussidjarja maħruġa taħtha;

Illi jibda biex jingħad li l-liġi ewlenija f'dan ir-rigward hija l-Att XXIV tal-1988 dwar l-Edukazzjoni[30] (kif emendat), b'mod partikolari l-artikolu 72 tiegħu li jagħti lill-UOM il-funzjoni u s-setgħa li "tistabilixxi l-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Universita' u f'xi kors ta' studju li tipprovdi hi"[31] u li "tagħti valur lill-gradi u distinzjonijiet akkademiċi barranin"[32] u dan billi "tagħmel statuti, regolamenti u *bye-laws* skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att"[33]. Il-Bord ta' Fakulta' huwa wkoll meqjus bħala wieħed mill-korpi magħrufa ta' tmexxija fl-UOM[34] li jista' jagħmel *bye-laws* biex jipprovdu għall-ħwejjeġ ta' natura akkademika u jorbtu lill-istess Fakulta' li tkun għamlithom[35]. Is-setgħa mogħtija lil Bord ta' Fakulta' li tagħmel *bye-laws* tgħodd fiha s-setgħa li tħassarhom, tibdilhom jew iddaħħal oħrajn ġodda flokhom[36];

Illi l-liġi tipprovdi wkoll li l-istatuti, regolamenti u *bye-laws* jeħtieġ li jkunu promulgati mill-Kanċillier u ppubblikati fil-Gażżetta tal-Gvern, ma' liema pubblikazzjoni jiksbu s-saħħa ta' liġi[37]. Fil-każ ta' *bye-laws* magħmula minn Bord ta' Fakulta' u li jolqtu ħwejjeġ tal-istess Fakulta'[38], dawn ma jiswewx jekk kemm-il darba ma jkunux approvati mis-Senat qabel ma

[29] App. Ċiv. **9.2.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Harding vs Farruġia et noe et*** (Kollez. Vol: **LXXI.ii.115**)
[30] Kap 327
[31] Art. 72(b) tal-Kap 327
[32] Art. 72(j) tal-Kap 327
[33] Art. 72(k) tal-Kap 327
[34] Art. 74(1) tal-Kap 327
[35] Art. 75(4) tal-Kap 327
[36] Art. 75(7) tal-Kap 327
[37] Art. 75(6) tal-Kap 327
[38] Art. 81(1)(ċ) tal-Kap 327

jinġiebu quddiem il-Kanċillier għall-promulgazzjoni tagħhom[39]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, minbarra li l-Att ewlieni għadda mill-istadji meħtieġa fil-Parlament, l-Avviżi Legali nvoluti kollha dehru fil-Gażżetta tal-Gvern u dan imissu jitqies li kienu promulgati kif imiss;

Illi għall-każ tal-lum xieraq ukoll li jitfakkar li kull waħda mill-attriċi riedet tingħaqad ma' kors li kien diġa' nbeda sentejn sħaħ qabel. Kemm hu hekk, huma talbu li jitħallew jingħaqdu mal-kors tad-Dottorat fil-Mediċina mit-tielet sena tiegħu 'l quddiem. Dan riedu jagħmluh mal-ftuħ tas-sena akkademika li kellha tibda f'Ottubru tal-2011. Ħareġ mill-provi li l-kors li jwassal għal Dottorat fil-Mediċina huwa kors li jħalli studenti li jingħaqdu fih f'żewġ fażijiet tiegħu, kif sejjer jissemma aktar 'il quddiem;

Illi l-kors tad-Dottorat fil-Mediċina huwa wieħed mill-ftit korsijiet fl-UOM li ma huwiex "armonizżat" fis-sens li r-regoli mfassla għall-ħtiġijiet tad-dħul u l-programm tiegħu ma jaqgħux taħt ir-regoli ġenerali li jgħoddu għal, tista' tgħid, il-bqija tal-korsijiet imnedija mill-istess UOM[40]. Dan ifisser li saħansitra r-Regolamenti mfassla jgħoddu għal dak il-kors waħdu: u dan minbarra li dawk l-istess Regolamenti jafu jinbidlu minn żmien għal żmien – kif jiġri bosta drabi f'bosta mill-korsijiet – skond liema tkun is-sena li student jitħajjar jingħaqad ma' dak il-kors;

Illi l-attriċi jsemmu d-dispożizzjonijiet tar-regolament disgħa u tletin (39) tal-Avviż Legali 181 tal-2011 bħala l-liġi li jgħidu li kienet tirregola l-jedd tagħhom għad-dħul fil-kors tad-Dottorat fil-Mediċina. Kif tajjeb jgħid ir-rettur imħarrek, dik ir-riferenza mhijiex tajba. Fl-ewwel lok, l-imsemmi Avviż Legali[41] ma fih l-ebda regolament disgħa u tletin (39) għaliex l-għan tiegħu kien biss dak li jemenda r-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximent Universitarju sal-Ewwel Grad[42]. Ir-regolament disgħa u tletin (39) li jsemmu l-attriċi jagħmel minn dawn ir-Regolamenti Ġenerali u jitkellem dwar "*Krediti mogħtija minn Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni*

[39] Art. 81(2) tal-Kap 327
[40] Xhieda ta' Prof Alfred vella 12.1.2012, f'paġġ, 326 – 7 tal-proċess
[41] Promulgat f'Mejju tal-2011 u li ħareġ fuq il-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-10 ta' Mejju ta' dik is-sena (paġġ. B2323 – 2326)
[42] A.L. 127 tal-2004 (kif emendat) (L.S. 327.236)

*Għolja oħrajn*". Kif wieħed jistenna, l-attriċi jistrieħu fuq dan ir-regolament għaliex il-biċċa l-kbira, jekk mhux għal kollox, tal-krediti (ECTS) li jħaddnu huma miksuba minn istituzzjonijiet oħrajn li mhumiex l-UOM. Fit-tieni lok, jidher li l-attriċi ma qiesu xejn li d-dħul u l-eliġibilita' ta' studenti għall-kors ta' Dottorat fil-Mediċina huma regolati bir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Doctor of Medicine and Surgery – M.D.*[43];

Illi jkun xieraq li jingħad li filwaqt li l-Grad ta' Dottorat fil-Mediċina miksub fil-kors huwa magħruf mir-Regolamenti Ġenerali fuq imsemmija[44], ma jfissirx li kulma jgħodd għar-Regolamenti Ġenerali jgħodd għall-kors tad-Dottorat fil-Mediċina. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li r-Regolamenti tal-1998 huma l-qafas "*specialis*" tal-liġi li tgħodd għall-kors li jwassal għad-Dottorat fil-Mediċina, filwaqt li r-Regolamenti Ġenerali tal-2004 huma kif jixhed isimhom il-"*generalis*". Dawn tal-aħħar jgħoddu fejn tal-ewwel ma jipprovdux espressament jew ma jipprovdu xejn. Issa d-dħul u r-rekwiżiti speċjali li jgħoddu għall-kors tad-Dottorat fil-Mediċina huma regolati b'norma speċjali li tirbaħ lil dik ġenerali li tgħodd għad-dħul f'xi kors ieħor fl-UOM (fuq l-aforiżma li "*lex specialis derogat generalis*"). Dan jgħodd ukoll għal dawk l-istudenti li japplikaw biex jidħlu għal dak il-kors bis-saħħa ta' "kwalifiki oħra miksuba wara li studjaw barra minn Malta"[45];

Illi mill-imsemmija Regolamenti, joħroġ ċar ukoll li l-kors li jwassal għal Dottorat fil-Mediċina (li jtul għal ħames snin) jinqasam fi tnejn: l-ewwel parti ta' sentejn tissejjaħ il-'Kors intermedju' u t-tieni parti tal-aħħar tliet snin li tissejjaħ il-'Kors finali'[46]. Fil-każ tal-lum, l-attriċi talbu biex jingħaqdu mill-ewwel mal-fażi tal-Kors finali bis-saħħa tal-kwalifiki (ECTS) li huma jqisu li kienu laħqu ġemmgħu sa qabel Lulju tal-2011;

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li l-għarbiel li trid tuża biex tkejjel is-siwi u s-setgħat tal-egħmil li minnu jilmintaw l-attriċi huwa l-qafas tal-imsemmija

[43] A.L. 137 tal-1998 (kif emendat) (L.S. 327.135)
[44] Ara reg. 1(2) tal-A.L. 127 tal-2004 fit-tifsira mogħtija lil "*Rikonoxximent Universitarju sal-Ewwel Grad*"
[45] Reg. 4(5) tal-A.L. 137 tal-1998
[46] Reg. 5(1) tal-A.L. 137 tal-1998

Regolamenti speċjali għall-imsemmi kors fid-dawl ukoll tad-dispożizzjonijiet tal-liġi ewlenija li bis-saħħa mogħtija minnha nħarġu mill-Bord kompetenti. Imma mhux dan biss. Matul is-smigħ tal-kawża, ħareġ li l-Kumitat tal-Fakulta' għad-Dħul tal-istudenti fil-kors ("*Faculty Admissions Committee*") kien nieda u fassal għall-kunsiderazzjoni tal-Fakulta' linji-gwida mibnija fuq kriterji mfassla sa mill-2008 mill-Bord tal-UOM għad-Dħul tal-Istudenti ("*University Admissions Board*"), maħsuba biex jgħinu lill-Bord tal-Għażla biex iqis il-kwalifiki li applikanti li jkunu ġabu kwalifiki minn istituzzjonijiet barranin iressqu għall-konsiderazzjoni tal-istess Bord biex jara jekk dawn ikunux tajbin biex bihom wieħed jidħol fil-kors. Il-Fakulta' laqgħet dawn il-kriterji f'laqgħa tal-Bord tal-istess Fakulta' miżmuma fit-22 ta' Marzu, 2011[47];

Illi b'żieda ma' dawn id-dokumenti, l-Qorti trid tqis ukoll il-Programm ta' Studju mniedi mill-Fakulta' għal dawk l-istudenti li kien fi ħsiebu jinkitbu għall-kors ta' Dottorat fil-Mediċina f'Ottubru 2011[48];

Illi għal dak li jgħodd għall-każ tal-attriċi, l-Qorti qiegħda tislet ir-regolament 11 tal-imsemmija Regolamenti speċjali li jitkellem dwar "*Dħul fil-Kors Finali*" u li jipprovdi li "*(1) Qabel ma jidħlu fil-Kors Finali, l-istudenti għandhom jgħaddu mis-suġġetti kollha tat-tieni sena tal-Kors Intermedju, jew fil-każ ta' studenti li ttrasferew l-istudji jkunu eżentati minnhom mis-Senat, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord. (2) Fil-każ ta' valutazzjonijiet li jistgħu jsiru darba biss waqt sena akkademika u għalhekk sessjoni supplementari ma tkunx possibbli, l-istudenti li jeħlu f'dawn il-valutazzjonijiet għandhom jitħallew jipproċedu għall-Kors Finali, sakemm li jgħaddu minn dawn il-valutazzjonijiet fl-Ewwel Sena tal-Kors Finali*";

Illi jekk wieħed iħares lejn il-linji-gwida mfassla għad-dħul fil-kors li jwassal għad-Dottorat fil-Mediċina, wieħed isib li dawn iqisu l-kriterji għad-dħul fl-ewwel sena tal-Kors Intermedju (jiġifieri l-ewwel sentejn) u

[47] Ara Dok "AVA", f'paġġ. 248 – 9 tal-proċess
[48] Ara Dok "VGA", f'paġġ. 244 – 247A tal-proċess

d-dħul fl-ewwel sena tal-Kors Finali (jiġifieri l-aħħar tliet snin tal-imsemmi kors). Dan għaliex l-istatuti fis-seħħ ma jippermettux dħul fil-kors jekk mhux f'dawk is-snin biss (jiġifieri l-bidu tal-Kors Intermedju u l-bidu tal-Kors Finali). Dak li jinteressa l-każ tal-attriċi huwa dan tal-aħħar. F'dan ir-rigward, dawn il-linji-gwida jipprovdu li "*Transfer students must submit transcript confirming their progression to MD III Year in a Medical course from a recognised university AND must have successfully completed 120 ECTS credits. In addition, they will be required to pass the September session examinations of the following study-units: MDS 2010 Integrated (both written and practical examinations but NOT projects); MDS 1004 Cardiovascular; MDS 2006 and MDS 2016 Nervous System 1 & 2; MDS 2008 Pathology. Applicants who fulfil these requirements will be allowed to join the Year 3 of the MD course. If a student is not successful s/he may be considered for the first year of the course*". Dan it-tagħrif intbagħat lill-attriċi Kuduzovic mir-Reġistratur ta' UOM f'ittra elettronika bid-data tas-27 ta' Jannar, 2011[49];

Illi issa li l-Qorti identifikat il-qafas kollu tal-liġi u r-regoli li jgħoddu għall-każ tal-attriċi dwar id-dħul tagħhom fil-kors, imiss li tara jekk UOM marritx lil hinn minn dan il-qafas meta ċaħdet it-talba tagħhom li jidħlu għall-ewwel sena tal-Kors Finali;

Illi l-attriċi jisħqu li d-deċiżjoni li huma ma jitħallewx jidħlu għall-kors universitarju ttieħdet żmien qabel ma ntbagħtitilhom l-ittra tal-21 ta' Ottubru, 2011, u li dan tkompla tgħarraq bil-fatt li UOM ma ħallithomx joqogħdu għall-eżamijiet tas-sessjoni ta' Settembru 2011 (li huma jgħidu li kienu lesti joqogħdu għalihom), u b'hekk tellfithom milli jwettqu wieħed mill-kriterji essenzjali biex it-talba tagħhom setgħet tirnexxi. Ma jidhirx li l-attriċi ma kinux jafu x'inhuma l-kriterji mistennija minnhom u lanqas li dwar dawn il-kriterji huma għandhom xi lmenti. Għall-kuntrarju, huma ressqu t-talba tagħhom biex jitħallew jidħlu fil-kors tad-Dottorat fil-Mediċina għaliex kienu jemmnu li kellhom tabilħaqq il-kwalifiki kollha biex jagħmlu dan;

[49] Dok "OB", f'paġ. 218 tal-proċess

Illi n-nuqqas ta’ qbil li ħalaq il-kwestjoni tal-kawża tal-lum jinsab fil-fatt li UOM ma qisitx li l-*modules* ta’ studju segwiti minn kull waħda mill-attriċi jistgħu jitqabblu ma’ livell ta’ l-Kors Intermedju u fil-fatt li dawk il-kwalifiki setgħu nkisbu f’korsijiet li ma kinux korsijiet li jwasslu għall-grad fil-Mediċina u li l-attriċi ma kinux jattendu (“*enrolled*”) fihom. Dan jingħad minbarra l-fatt li bosta mill-krediti li kull waħda minnhom jgħidu li għandhom inkisbu minn istituzzjoni barranija li ma hijiex magħrufa għall-finijiet ta’ rikonoxximent reċiproku. Mix-xhieda mressqa u mis-sottomissjonijiet magħmula mill-attriċi nfushom joħroġ li din il-fehma ta’ UOM kienet mgħarrfa lilhom sa minn qabel ma ressqu t-talba tagħhom f’Lulju tal-2011. Iżda l-attriċi jisħqu li minn din ix-xhieda għandu jirriżulta li d-deċiżjoni għaċ-ċaħda tat-talba tagħhom ħaditha r-Reġistratur u mhux il-Fakulta’ u għalhekk ma tħarsux il-ħtiġijiet mandatorji proċedurali li t-talba tagħhom messha tqieset mill-Bord tad-Dħul tal-Fakulta’;

Illi l-Qorti tqis li l-ittra taċ-ċaħda mibgħuta lil kull waħda mill-attriċi fil-21 ta’ Ottubru, 2011, tagħmilha ċara li d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta’ kull waħda minnhom ittieħdet mill-Bord tad-Dħul fl-Universita’ (“*University Admissions Board*”) u mhux mir-Reġistratur. Huwa minnu li l-ittra nħarġet taħt il-firma tar-Reġistratur, imma dan sar għaliex tagħrif bħal dan jaqa’ taħt is-setgħat ta’ dak il-funzjonarju tal-UOM u għaliex l-istess Reġistratur kienet membru tal-istess Bord[50]. Hemm prova dokumentali wkoll li turi li d-deċiżjoni ttieħdet mill-Bord f’laqgħa li ssejħet apposta biex tiddiskuti l-każ taż-żewġ attriċi[51]. Qari tal-imsemmi dokument juri li r-Reġistratur kellha rwol ewlieni fid-deliberazzjonijiet ta’ kull każ dwar kull waħda mill-attriċi, iżda (a) hija nnifisha mxiet fuq ir-regolamenti fis-seħħ u l-preċedenti mħaddma matul is-snin fil-kors tad-Dottorat fil-Mediċina, (b) imxiet fuq ir-rakkomandazzjonijiet mibgħutin lilha mill-Bord tad-Dħul tal-Fakulta’ tal-Mediċina u li (ċ) d-deċiżjoni aħħarija ttieħdet mill-Bord kollu u mhux minnha waħedha;

[50] Ara wkoll, f’dan ir-rigward ir-reg 39(2) tal-A.L. 127 tal-2004 (L.S. 327.236)
[51] Ara d-Dok “AVC”, f’paġġ. 251 – 4 tal-proċess

Illi l-fatt li r-Reġistratur tat lill-attriċi Kuduzovic il-lista ta' kriterji qabel ma din ressqet it-talba tagħha ma jfissirx li b'daqshekk kienet "preġudikata" fid-deċiżjoni li ttieħdet wara. Wara kollox, dak li r-Reġistratur qalet lill-attriċi f'Jannar tal-2011 (jekk mhux qabel ukoll) ma kien xejn iżjed minn parir imsejjes fuq regolamenti fis-seħħ li l-istudenta setgħet timxi fuqu. Għall-Qorti, kienet tkun ħaġa ta' tħassib jekk kemm-il darba r-Reġistratur kienet tat lill-istudenta parir mod u mbagħad, fil-waqt tat-teħid tad-deċiżjoni, nqdiet bi kriterji differenti għaliex b'hekk kienet tkun żgwidat lill-istudenta. Imma f'dan il-każ ma ntweriex li ġara hekk: imma, għall-kuntrarju, r-Reġistratur u l-Bord tal-Għażla mxew fedelment mal-kelma tal-linji-gwida li kienu ġew mgħarrfa lill-attriċi Kuduzovic sa minn xhur qabel ma ressqet it-talba tagħha biex titħalla tidħol fil-kors. Dawn l-istess kriterji kienu l-kejl li ntuża wkoll fil-każ tat-talba tal-attriċi Falzon. Tant hu hekk, li, minħabba t-tħaddim tal-imsemmija kriterji, lill-attriċi Falzon ingħatat il-fakulta' li titħalla tidħol fil-kors mill-ewwel sena tiegħu (jiġifieri l-bidu tal-Kors Intermedju), biż-żieda li "*the additional qualifications which she acquired after her failure during her previous registration in the first year of the MD course could assist her in overcoming any difficulties which she had encountered during her studies*"[52];

Illi dan iwassal lil din il-Qorti biex tqis li t-teħid ta' l-imsemmija deċiżjoni mexa mal-ħtiġijiet mandatorji li wieħed kien jistenna li jitħarsu matul id-deliberazzjonijiet ta' qabel it-teħid tal-egħmil amministrattiv li minnu jilmintaw l-attriċi. Għalhekk, il-Qorti ma tarax kif din id-deċiżjoni ttieħdet bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12;

Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12, minn qari tal-premessi fir-Rikors Maħluf jidher li dawn jirreferu għal abbuż tas-setgħa marbut mat-teħid ta' deċiżjoni msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. B'mod partikolari, l-attriċi jsemmu (i) n-nuqqas ta' konsiderazzjoni min-naħa ta' min ħa d-deċiżjoni tal-krediti ta' studju (ECTS) li huma kienu kisbu u (ii) l-insistenza li huma

[52] Dok "AVC", f'paġ. 254 tal-proċess

ma kenux attendew f'kors ta' studji li jwassal għal grad ta' Dottorat fil-Mediċina fl-istituzzjoni li mingħandha kisbu dawk il-krediti;

Illi hawnhekk il-każ jidħol fil-kwestjoni tar-raġonevolezza u tar-rilevanza ta' deċiżjoni amministrattiva li, fil-fehma tal-Qorti, f'din iċ-ċirkostanza, jimxu id f'id. Magħhom u minħabba l-kawżali speċifika tat-tħaddim tar-raġonevolezza, jidħol tabilfors l-element tat-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-liġi tagħni biha lill-awtorita' amministrattiva pubblika li tkun ħadet dik id-deċiżjoni. B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "*(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction*"[53];

Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali (f'dan il-każ, il-Bord tad-Dħul rappreżentat f'din il-kawża mir-Rettur imħarrek) ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv[54]. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizzaha, b'mod raġonevoli, b'ekwita' u ħaqq[55] u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni[56]. Huwa magħruf ukoll li t-twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew tehdid minn terza persuna inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles u raġunat tal-persuna awtorizzata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel;

Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita' li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li

[53] DeSmith, Woolfe & Jowell Principles of Judicial Review (5th Edit, 1995), paġ. 296
[54] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.376**)
[55] App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Masini noe vs Podesta' noe*** (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)
[56] App. Inf. **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***

twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita' tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[57]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorita' mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtoriżżata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita' mistħarrġa trid tkun imxiet *bona fide* u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

Illi marbut sfiq ma' dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Dan l-aspett qiegħed jissemma għaliex l-attriċi jixlu lil UOM li injorat il-kriterji tal-hekk imsejjaħ "*Bologna Process*"[58] (li jirregola l-għarfien u t-tqabbil tal-kwalifiki mogħtijin minn istituzzjonijiet edukattivi mifruxa mat-territorju tal-Unjoni Ewropea) u kif ukoll dak li jipprovdi l-Att dwar l-Għarfien Reċiproku tal-Kwalifiki[59]. Ma' dan iżidu wkoll jilmintaw li UOM deffset il-kriterju tar-reġistrazzjoni ("*enrolment*") u l-attendenza f'kors universitarju li jitqabbel mal-kors mogħti mill-UOM għall-grad ta' Dottorat fil-Mediċina, meta l-ebda liġi, regolament jew *bye-law* ma jitolbu dan;

Illi d-dmir li awtorita' taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi *bona fide*[60]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[61]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;

Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalita' fl-għemil mistħarreġ, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorita' pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati[62];

---

[57] Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)
[58] Affidavit tal-attriċi Halida Kuduzovic f'paġ. 223 tal-proċess
[59] Att XVIII tal-2002 (Kap 451)
[60] Ara, per eżempju, ***R vs Roberts, ex p. Scurr*** (**1924**) 2 K.B. 695
[61] Ara, per eżempju, ***R. vs W*** **(1971)** A.C. 682
[62] Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***

Illi huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorita' wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita' mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[63]. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[64]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[65]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li, minkejja li d-dħul fl-ewwel sena tal-Kors Finali jitlob għadd partikolari ta' krediti (ECTS) u li l-kejl tagħhom jinstilet b'mod kważi-aritmetiku mir-riżultati miksuba matul is-snin tal-Kors Intermedju, f'każ bħal tal-attriċi (jiġifieri, studenti li jkunu jridu jissieħbu fil-kors mal-ewwel sena tal-Kors Finali bis-saħħa ta' kwalifiki miksuba minn studji minn korsijiet mogħtija minn istituzzjonijiet oħrajn) ma jistax jonqos li t-tqabbil ta' dawk il-kwalifiki jitlob it-tħaddim ta' diskrezzjoni. Dan jagħrfu kemm ir-regolament 11 tar-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Doctor of Medicine and Surgery* u kif ukoll ir-regolament 39(1) tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad. Li kieku ma kienx hekk, ma kienx jintuża kliem bħal "fuq rakkomandazzjoni tal-Bord" u "jista' jkollhom il-krediti aċċettati mill-Bord" rispettivament;

Illi f'dan ir-rigward UOM twarrab għal kollox l-argumenti tal-attriċi u tisħaq li l-mod kif mexa l-Bord tad-Dħul, ir-Reġistratur u l-Bord tal-Fakulta' kienu fil-parametri tal-qafas legali u istituzzjonali li jaġixxu taħthom. Issoktat tgħid li l-fatt li r-Reġistratur ifformat il-fehma tagħha u nformat ruħha dwar it-tqabbil tal-korsijiet li ħadu l-attriċi huwa raġuni ta' tifħir u mhux ta' tmaqdir u lanqas ma jsarraf f'xi akkaniment barra minn postu biex tfittex

[63] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10$^{tth.}$. Edit), pġ. 295
[64] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[65] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***

ix-xagħra fl-għaġina ħalli tfarrak lill-attriċi fl-aspirazzjonijiet tagħhom. Tisħaq ukoll li kull deċiżjoni li minnha jilmintaw l-attriċi ttieħdet b'mod kolleġġjali u ma kenitx predeterminata minn ġrajja li seħħew qabel ma l-attriċi ressqu t-talba tagħhom biex jitħallew jidħlu għall-kors tal-Mediċina jew minn xi preġudizzju personali, għalkemm imsejsa fuq kriterji determinati li kienu ilhom imfassla sa minn żmien qabel saret dik it-talba;

Illi fis-sottomissjonijiet miktuba tagħha[66] UOM tressaq ukoll argument wara l-ieħor kontra li din il-Qorti tassumi r-rwol tal-Bord tad-Dħul jew li tqiegħed id-diskrezzjoni tagħha minflok dak tal-imsemmi Bord. Dwar dan ma hemmx għalfejn li din il-Qorti ttawwal. Biżżejjed issir riferenza għal dak li ssemma aktar 'il fuq meta kienet qiegħda tqis l-eċċezzjoni preliminari dwar it-tieni talba attriċi;

Illi meta l-Qorti fliet b'reqqa x-xhieda mressqa quddiemha ma ħariġx li l-Bord tad-Dħul mexa b'mod mhux raġonevoli jew li nqeda bid-diskrezzjoni fdata f'idejh b'mod abbużiv. Taqbel jew ma taqbilx mad-deċiżjoni milħuqa fil-mertu fir-rigward ta' kull waħda mill-attriċi, din il-Qorti ma ssib li sar l-ebda tiġbid jew raġunament li bord magħmul minn persuni raġonevoli ma kienx jasal biex jilħaq. Lanqas ma sabet li ċ-ċirkostanzi partikolari identifikati mill-attriċi jikkostitwixxu kriterji arbitrarji jew nieqsa mir-raġonevolezza;

Illi, ibda biex, il-Qorti ma taqbilx mal-attriċi meta jgħidu li l-ħtieġa ta' attendenza għal kors ma toħroġ mill-ebda liġi, regolament jew *bye-law*, jew li din kienet kriterju li l-Bord tad-Dħul semma arbitrarjament. Għall-kuntrarju, ir-regolament 40 tar-Regolamenti Ġenerali jistabilixxi l-attendenza għall-korsijiet bħala waħda obbligatorja bħala regola. Dan ifisser li, għall-kuntrarju ta' dak li jgħidu l-attriċi, din ir-raġuni ma kenitx għarbiel maħluq mill-Bord tad-Dħul minn żniedu biex iċaħħadhom milli jitħallew jidħlu fil-kors li huma xtaqu jingħaqdu miegħu. Minbarra dan, il-kors li għalih daħlu l-attriċi (jiġifieri dak ta' "Diploma Level 3 – Human Anatomy and Physiology – HE Diploma") jitlob attendenza obbligatorja

[66] Paġġ. 368 – 9 tal-proċess

għal minn tal-anqas għoxrin (20) siegħa ta' "mandatory scheduled attendances" f'ċentri edukattivi magħżula[67]. Ma jirriżultax fl-atti tal-kawża l-"*log*" tal-attendenza fir-rigward tal-ebda waħda miż-żewġ attriċi, għalkemm l-attriċi Kuduzovic xehdet li kienet attendiet għal lezzjonijiet u wkoll għal sessjonijiet ta' prattika klinika u fil-laboratorji ta' Birbeck College f'Londra[68];

Illi dan jintrabat mal-aspett l-ieħor li l-kwalifiki miksuba mill-attriċi ma kinux fi ħdan korsijiet li kienu jwasslu għall-għoti tal-Grad ta' Duttur fil-Mediċina u l-Kirurġija (jew ekwivalenti) mill-istituzzjoni li minnha nkisbu. Jekk dan huwa hekk, allura jkun qed jonqos wieħed mir-rekwiżiti tal-linji-gwida li jagħmel din il-kwalifikazzjoni kriterju kostitutiv mal-għadd ta' krediti li wieħed ikun kiseb f'xi studju minn istituzzjoni barranija. Kemm hu hekk, il-kriterju partikolari tal-linji-gwida jsemmi l-attendenza ("*enrolment*") f'kors universitarju rikonoxxut li jwassal għall-għoti ta' dak il-Grad **flimkien ma'** għadd xieraq ta' min tal-anqas mija u għoxrin (120) krediti (ECTS)[69]. Jekk il-Bord tad-Dħul tabilħaqq mexa ma' dawn il-kriterji u jekk ir-raġuni għaliex ma laqax it-talbiet taż-żewġ attriċi kienet imsejsa fuq dawn il-kriterji, l-Qorti ma tarax kif din kienet tissarraf f'imġiba mhux raġonevoli jew kif jista' jingħad li tħaddmet diskrezzjoni li tmur lil hinn mil-liġi;

Illi l-attriċi qatt ma fissru jew ippruvaw li l-kors li dwaru jippretendu l-biċċa l-kbira tal-krediti tagħhom kien tabilħaqq iwassal għall-għoti ta' Grad ta' Duttur tal-Mediċina jew ekwivalenti. Għall-kuntrarju, ż-żewġ attriċi jisħqu li kors (li kellu jtul sentejn) seħħilhom itemmuh fi ftit xhur. Kemm hu hekk, għalkemm iż-żewġ studenti rreġistraw għall-imsemmi kors f'Settembru tal-2010[70], sad-19 ta' Jannar tal-2011 kellhom iċ-ċertifikat finali dwar il-kors kollu[71]. Meta mbagħad ħarġet id-dikjarazzjoni mill-istitut edukattiv li nieda l-imsemmi kors[72], dan kien wara li l-attriċi kienu

67 Dok "HZB", f'paġ. 279 tal-proċess
68 Xhieda tagħha 12.1.2012, f'paġġ. 300 – 1 tal-proċess
69 Ara d-Dok "AVA", f'paġ. 248A tal-proċess
70 Afidavit tal-attriċi Kuduzovic f'paġ. 223 tal-proċess
71 Ara d-Dokti f'paġġ. 220 – 2 u 230 – 2 tal-proċess fir-rigward tar-rispettivi attriċi Kuduzovic u Falzon
72 Ara Dokti "HF14" u "HF9", f'paġġ. 146 u 163 tal-proċess

ilhom ġimgħat li rċevew l-ittra tal-UOM li għarrfithom li t-talba tagħhom biex jidħlu fil-kors tal-mediċina ma kenitx intlaqgħet;

Illi, fit-tielet lok, lanqas ma ntwera li t-tħassib tal-Bord tad-Dħul li jħaddem l-ogħla "*standards*" għad-dħul fil-kors tad-Dottorat fil-Mediċina u l-Kirurġija jwasslu biex b'daqshekk isir irraġonevoli talli jisħaq li jidħlu għalih l-aħjar studenti u dawk li jkunu wrew ħila għas-sejħa professjonali li dak il-kors jitlob minnhom. Dan ma jfissirx li l-attriċi ma kellhomx din is-sejħa (u dan żgur ma jistax jingħad fir-rigward tal-attriċi Falzon, li wriet "*track record*" ta' ħidma fil-qalba ta' esperjenza ras imb'ras ma' tobba u kirurgi f'Malta u barra minn Malta), iżda l-kriterji li ħaddem il-Bord ma kellhomx lanqas it-togħma tal-irraġonevoli meta wieħed iqishom fil-qafas tal-fama mill-aqwa li l-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija tal-UOM ilha tgawdi għal medda twila ta' snin;

Illi, mbagħad, il-kwestjoni li l-Bord tad-Dħul ċaħħadhom milli jersqu għas-sessjoni tal-eżamijiet fi żmien xieraq biżżejjed biex setgħu jingħaqdu mal-istudenti l-oħrajn fil-Kors Finali, irid jingħad li din tieħu xejra sussidjarja għall-qofol tal-kwestjoni. Huwa minnu li l-laqgħa tal-Bord tad-Dħul inżammet fit-30 ta' Settembru (u għalhekk, wara li kienet intemmet is-sessjoni tal-eżamijiet supplementari li jitnedew għal dawk l-istudenti li jkollhom joqogħdu għall-eżamijiet riparatorji), imma dak li huwa essenzjali hu li, skond il-Bord, iż-żewġ attriċi ma kellhomx il-kwalifiki meħtieġa (mhux fir-rigward tal-għadd ta' krediti) biex setgħu jintalbu joqogħdu għal dawk l-eżamijiet. Dan jingħad apparti l-fatt li r-Regolamenti jidher li kienu jippermettu li studenti li jiddaħħlu fl-ewwel sena tal-Kors Finali tal-Mediċina u Kirurġija setgħu joqogħdu għall-eżamijiet supplementari kwalifikativi matul dik l-ewwel sena[73] (u għalhekk l-attriċi kienu jistgħu jirregolarizżaw il-qagħda tagħhom f'dak l-istadju);

Illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jissemmew aktar qabel f'din is-sentenza, l-Qorti ma ssibx li r-Rettur imħarrek *nomine* inqeda b'mod irraġonevoli bid-

[73] Ara r-reg. 11(2) tal-A.L. 137 tal-1998 (L.S. 327.135)

diskrezzjoni li tagħtih il-liġi jew li mexa mal-attriċi b'mod mhux raġonevoli biex wasal għad-deċiżjoni li minnha huma jilmintaw;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attriċi ma seħħilhomx juru tajjeb li d-deċiżjoni minnhom attakkata ttieħdet bi ksur tal-liġi, u għalhekk, mhijiex sejra tintlaqa' l-ewwel talba tagħhom;

Illi ladarba l-Qorti qieghda tasal għal din il-fehma, ma hemm l-ebda ħtieġa li tqis iż-żewġ talbiet attriċi l-oħrajn. Fir-rigward tat-tieni talba attriċi din il-Qorti diġa' tat il-fehmiet tagħha aktar 'il fuq. Fir-rigward tat-tielet talba, din tintrabat mas-sejbien ta' egħmil amministrattiv imwettaq ħażin u lil hinn mil-liġi u f'dan il-każ ma ntweriex li dan ġara tassew;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Avukat Ġenerali u ssib li huwa mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u għalhekk qiegħda teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-attriċi;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma ssibx li d-deċiżjoni meħuda mill-korp kompetenti tal-Universita' ta' Malta li ma tilqax it-talba taż-żewġ attriċi li ma jitħallewx jingħaqdu mal-kors li jwassal għall-Grad ta' Dottorat fil-Mediċina f'Ottubru tal-2011 kienet tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) jew (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi huma konsegwenzjali għall-ewwel talba u billi, f'kull każ, ma kienx hemm raġuni tajba biex il-Qorti tħassar id-deċiżjoni meħuda mill-istess Universita';

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tar-Rettur imħarrek; u

**Tordna** li l-attriċi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------